# Il-Ħamsa u Għoxrin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Il-fehmiet tiegħi ma humiex fehmietkom.*

Is 55, 6-9

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

6Fittxu l-Mulej sakemm tistgħu ssibuh,
sejħulu sakemm hu fil-qrib!

7Ħa jħalli triqtu l-midneb,
u l-bniedem il-ħażin fehmietu;
ħa jerġa' lura għand il-Mulej u jħenn għalih,
għand Alla tagħna għax hu jaħfer ħafna.

8Il-fehmiet tiegħi m'humiex fehmietkom,
u t-triqat tiegħi m'humiex triqatkom. Oraklu tal-Mulej.

9Għax daqs kemm huma ogħla s-smewwiet mill-art,
daqshekk ieħor huma triqati 'l fuq minn triqatkom,
u l-fehmiet tiegħi mill-fehmiet tagħkom.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 144 (145), 2-3.8-9.17-18

R/. (18a): Qrib il-Mulej lejn kull min isejjaħlu

2 Kuljum irrid inbierkek,
u nfaħħar ismek għal dejjem ta’ dejjem.
3 Kbir il-Mulej, ta’ min ifaħħru bil-bosta,
bla tarf il-kobor tiegħu. R/.

8 Twajjeb u ħanin il-Mulej,
idum biex jagħdab u kollu tjieba,
9 Twajjeb ma’ kulħadd il-Mulej,
tjubitu fuq kull ma għamel. R/.

17 Ġust il-Mulej fl-imġiba tiegħu kollha,
twajjeb f’dak kollu li għamel.
18 Qrib il-Mulej lejn kull min isejjaħlu
lejn kull min isejjaħlu fis-sewwa. R/.

# Qari II

*Għalija l-ħajja hi Kristu.*

Fil 1, 20c-24.27a

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Filippin**

Ħuti, [20]Kristu jkun imsebbaħ fil-ġisem tiegħi, sew jekk ngħix u sew
jekk immut.

[21]Għax għalija l-ħajja hi Kristu, u l-mewt hi rebħ.

[22]Jekk għandi nibqa' ħaj fil-ġisem, dan ifisser li għandi nagħti l-frott
tax-xogħol tiegħi. X'naqbad nagħmel ma nafx; [23]ninsab bejn ħaltejn.
Min-naħa l-waħda, nixtieq nintemm u nkun ma' Kristu, li jkun ħafna
aħjar għalija; [24]min-naħa l-oħra, jekk nibqa' ngħix fil-ġisem, ikun
ħafna aħjar għalikom.

[27]Ħaġa waħda ngħidilkom: ġibu ruħkom kif jixraq lill-Evanġelju ta'
Kristu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

ara Atti 16, 14b

Hallelujah. ℟. Hallelujah
Mulej iftħilna qalbna
biex nifhmu l-kliem ta' Ibnek Ġesù Kristu.
℟. Hallelujah

## Evanġelju

*Qiegħed tgħir għax jien qalbi tajba?*

Mt 20, 1-16

### Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu din il-parabbola:
1«Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil wieħed sid li ħareġ filgħodu
kmieni ħafna biex isib nies tax-xogħol u jħaddimhom fl-għalqa tiegħu
tad-dwieli. 2Ftiehem ma' xi ħaddiema b'dinar kull jum u bagħathom
l-għalqa. 3Ħareġ ukoll madwar it-tielet siegħa, ra oħrajn qegħdin
fil-pjazza, bla xogħol, 4u qalilhom: "Morru intom ukoll l-għalqa, u
nagħtikom li jkun ħaqqkom." U marru. 5Raġa' ħareġ għal xi s-sitt
siegħa u mbagħad għal xi d-disgħa siegħa, u għamel l-istess. 6Għall-
ħabta tal-ħdax-il siegħa raġa' ħareġ u sab oħrajn qiegħda, u qalilhom:
"Għaliex qegħdin hawn il-jum kollu ma tagħmlu xejn?" 7Qalulu:
"Għax ħadd ma qabbadna." Qalilhom: "Morru intom ukoll l-għalqa."

8Għal fil-għaxija mbagħad sid l-għalqa qal lill-prokuratur tiegħu:
"Sejjaħ lill-ħaddiema u ħallashom, ibda minn dawk li ġew l-aħħar
u spiċċa b'dawk ta' l-ewwel." 9Ġew dawk li daħlu għax-xogħol
fil-ħdax-il siegħa u ħadu dinar kull wieħed. 10Ġew ta' l-ewwel, u
stennew li kienu se jirċievu iktar, iżda huma wkoll ħadu dinar kull
wieħed. 11Huma u jitħallsu qabdu jgemgmu kontra s-sid 12u jgħidu:
"Dawn ta' l-aħħar siegħa waħda għamlu, u int qisthom bħalna li
tgħabbejna bil-piż tal-jum u s-sħana!" 13Qabeż is-sid u qal lil wieħed
minnhom: "Ħabib, minn xejn ma nqastek jien; mhux b'dinar ftehemt
miegħi? 14Ħu li jmissek u itlaq. Lil dan ta' l-aħħar irrid nagħtih
daqs kemm tajt lilek. 15Ma nistax nagħmel li rrid bi ħwejġi jien? Jew
qiegħed tgħir għax jien qalbi tajba?" 16Hekk ta' l-aħħar jiġu l-ewwel,
u ta' l-ewwel jiġu l-aħħar.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu